

Brussell, 24 ta' April 2025
(OR. en)

7947/25

JEUN 50
DISINFO 28
AUDIO 22
JAI 492

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Diżinformazzjoni, manipulazzjoni u theddid fiċ-ċiberspazju u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażaġħ - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' informazzjoni tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-12 ta' Mejju 2025.

"Diżinformazzjoni, manipulazzjoni u theddid fiċ-ċiberspazju u l-impatt tagħhom fuq il-ħajja taż-żgħażaġh"

It-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà gābet magħha kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi għaż-żgħażaġh. Madwar l-Ewropa, it-teknoloġiji diġitali sawru mill-ġdid il-komunikazzjoni, l-educazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-involviment ċiviku.

Filwaqt li dawn l-avvanzi jrawmu t-tagħlim, il-konnettività dinjija u l-parteċipazzjoni f'bosta sferi tal-ħajja, joħlqu wkoll riskji konsiderevoli — speċjalment fil-forma ta' diżinformazzjoni, manipulazzjoni tal-informazzjoni u theddid online.

Id-diżinformazzjoni, jiġifieri t-tixrid intenzjonat ta' kontenut falz jew qarrieqi, saret kwistjoni mifruxa, u l-pjattaformi online jservu bħala amplifikaturi ewlenin. Algoritmi mfassla biex jimmassimizzaw l-involviment spiss jipprioritizzaw il-kontenut sensazzjonali fuq il-preċiżjoni, filwaqt li jrawmu ambjent fejn narrattivi foloz u ta' ħsara jinfirxu malajr.

Tattiċi manipulattivi, bħall-mira algoritmika u l-kmamar tal-eku, flimkien mar-riskji ta' użu ħażin tat-teknoloġiji tal-IA ġenerattivi, jaggravaw dawn l-isfidi. Iż-żgħażaġh spiss jiltaqgħu ma' kontenut li jsaħħaħ it-twemmin u l-preġudizzji eżistenti tagħhom, u b'hekk jillimitahom milli jaraw perspettivi differenti. Din il-frammentazzjoni diġitali tħeġġeġ il-polarizzazzjoni u ddghajef il-fiduċja soċjali, u tagħmilha aktar diffiċli biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati.

Din ix-xejra ddghajef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, u tagħmilha diffiċli għaż-żgħażaġh biex jidentifikaw sorsi kredibbli u kontenut manipulat u falz. Il-konsegwenzi jistgħu jkunu ħorox, u jinfluwenzaw il-perċezzjonijiet ta' kwistjonijiet kritiċi bħall-elezzjonijiet, it-tibdil fil-klima u s-saħħa pubblika, u potenzjalment iwasslu għal diżinteress jew radikalizzazzjoni online.

Lil hinn mid-diżinformazzjoni, iż-żgħażaġh jiffaċċjaw riskji dejjem akbar mill-bullying ċibernetiku, id-diskors ta' mibegħda u r-radikalizzazzjoni online. L-anonimità tal-internet tiffaċilita l-fastidju u l-manipulazzjoni b'responsabbiltà minima. Dan it-theddid għandu impatt profond fuq is-saħħa mentali, u jikkontribwixxi għall-ansjetà, id-dipressjoni u, f'każijiet estremi, għal ħsara li persuna tagħmel lilha nnifisha.

L-esklużjoni diġitali żżid il-vulnerabbiltà għat-theddid online. Hu essenzjali li niżguraw aċċess ugwali għal riżorsi diġitali ta' kwalità għolja u infurmati tajjeb, partikolarment għal żgħażaġh minn ambjenti żvantaġġati. L-impenn tal-UE lejn l-inklużjoni u l-ugwaljanza jrid jestendi għal inizjattivi ta' litteriżmu diġitali, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jinnavigaw b'mod sikur l-ambjent online u jkunu mgħammra bil-ħiliet ta' ħsieb kritiku biex jagħmlu għażliet infurmati online.

Biex jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u jitrawmu żgħażaġh infurmati, hija meħtieġa azzjoni koordinata kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll dak tal-UE. Inizjattivi bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021–2027), il-Pjan Direzzjonali li jmiss tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali, l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza, it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija (EDS) li jmiss u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Bullying Ċibernetiku huma kruċjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi.

Madankollu, huma meħtieġa aktar miżuri biex:

- jgħammru liż-żgħażaġh b'ħiliet ta' ħsieb kritiku, litteriżmu diġitali u medjatiku;
- iħeġġu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politiki nazzjonali u tal-UE kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni online;
- jiżviluppaw strumenti b'saħħithom fil-livell tal-UE biex isaħħu ir-reżiljenza taż-żgħażaġh għad-diżinformazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-ministri huma ġentilment mistiedna jirriflettu fuq il-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin. Ġentilment nitolbu li l-interventi jkunu limitati għal massimu ta' tliet minuti.

1. *Kif jistgħu l-Istati Membri jgħammru aħjar liż-żgħażaġh bil-ħiliet diġitali, il-ħiliet tal-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku meħtieġa biex jivvalutaw il-kontenut online u jibnu r-reżiljenza għad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni fl-ambjent diġitali?*
2. *Fil-livell tal-UE, liema strumenti u azzjonijiet jistgħu jsaħħu r-reżiljenza taż-żgħażaġh għad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni online, jippromwovu involviment pożittiv u responsabbli mal-għodod diġitali u jħejjuhom aħjar għal parteċipazzjoni demokratika infurmata u attiva fl-era diġitali?*